**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 20 ta' Ġunju, 2017.**

**Talba Nru: 808/2015PA**

**Saliba Brothers Limited**

**vs**

**Saviour Busuttil**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-6 t'Ottubru 2015 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' elfejn, ħames mija, tmienja u sebgħin Ewro, disgħa u disgħin ċenteżmu (€2,578.99ċ), rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' bejgħ ta' materjal ta' kostruzzjoni kunsinnat lilu, li hu dovut, u li minkejja diversi interpellazzjonijiet li saru lill-konvenut, baqa' ma ħallasx. Bl-ispejjeż u bl-imgħax kummerċjali mid-data tal-kunsinna.

Ra r-Risposta tal-konvenut preżentata fit-8 ta' Novembru 2016 li permezz tagħha eċċepixxa li (i) it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-materjal ta' kostruzzjoni provdut mis-soċjeta' attriċi ma kienx skont l-*istandard* meħtieġ f'dan is-setturi, kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża; (ii) l-konvenut kellu jinkorri diversi spejjeż sabiex jittestja l-materjal li ingħata u jsaħħah it-taħlita tal-konkos li ingħata sabiex ikun

jista' jagħmel ix-xogħol skont is-sengħa u l-arti, hekk kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża; (iii) mingħajr preġudizzju, l-ammont mitlub huwa eċċessiv u ma jirriflettix il-prezz veritier tal-materjal mibjugħ lill-konvenut mis-soċjeta' attriċi.

Sema' x-xiehda ta' **Antoine Saliba**[1], *accounts clerk* tas-soċjeta' attriċi, u rappreżentant legali tagħha.

Antoine Saliba ddikjara li s-soċjeta' attriċi tipprovdi materjal ta' kostruzzjoni, bħal *concrete* u żrar. Qal li l-konvenut għamel snin jixtri materjal tal-bini mingħand is-soċjeta' attriċi, konsistenti dan il-materjal fi żrar, ramel u siment. Mis-sena 2014 'il quddiem, beda jixtri wkoll ir-*ready mixed concrete*.

Skond ix-xhud, l-aħħar ħlas li l-konvenut għadda lis-soċjeta' attriċi kien fis-sena 2014. Huwa ppreżenta kopja tal-fatturi mħallsin, u rendikont tal-bilanċ li qal li l-konvenut fadallu jħallas lis-soċjeta' attriċi, liema bilanċ jammonta għal elfejn, ħames mija, tmienja u sebgħin Ewro, disgħa u disgħin ċenteżmu (€2,578.99ċ). Ippreżenta wkoll id-*delivery notes* relattivi. Ix-xhud iddikjara li s-soċjeta' attriċi baqgħet tforni lill-konvenut sal-aħħar ta' Ottubru 2014. Il-bilanċ dovut jirrapreżenta prezz ta' fornituri konsenjati bejn Ġunju u Ottubru 2014.

Mistoqsi mit-Tribunal jekk il-konvenut kienx ressaq ilment mas-soċjeta' attriċi dwar il-kwalita' inferjuri tal-materjal fornut minnha, ix-xhud qal li dan l-ilment il-konvenut għamlu għall-ewwel darba wara li s-soċjeta' attriċi talbitu jħallas, u li s-soċjeta' attriċi talbitu jidentifika d-*delivery note* li tirrigwardja l-materjal allegatament ħażin. Qal ukoll li l-konvenut qatt ma bagħat ittra formali jew legali dwar dan l-ilment.

In kontro-eżami[2], Antoine Saliba ċaħad li l-konvenut kien ressaq xi ilment dwar kwalita' ħażina tal-materjal fornut mis-soċjeta' attriċi immedjatament mal-konsenja, u sostna li l-ewwel darba li s-soċjeta' attriċi rċeviet dan l-ilment mingħand il-konvenut kien

[1] 10.1.2017, fol. 28-29
[2] 2.5.2017, fol. 71-73

meta talbitu jħallas, wara li l-kont kien ilu żmien pendenti. Qal li, meta l-konvenut ressaq dak l-ilment, beda jsemmi 15-il jarda kubu ta' konkos, u s-soċjeta' attriċi ġibditlu l-attenzjoni li mingħandha kien xtara anqas minn daqshekk. Ikkonferma dak li xehed fl-eżami li s-soċjeta' attriċi talbitu jehdilha d-*delivery note* relattiva, pero' l-konvenut dan baqa' m'għamlux. Spjega li din it-talba saret biex is-soċjeta' attriċi tkun tista' tidentifika l-konsenja li l-konvenut kien qed jgħid li kienet difettuża. Żied jgħid li l-konvenut qatt ma għarraf lis-soċjeta' attriċi li kien daħal f'xi problemi minħabba dan l-allegat konkos difettuż, jew b'xi konsegwenzi li ġarrab minħabba f'hekk. Qal ukoll li s-soċjeta' attriċi qatt ma kellha problemi bil-ħlasijiet mal-konvenut, ħlief f'din l-okkażjoni.

In ri-eżami, Antoine Saliba spjega li dan l-ilment tal-konvenut kien jirrigwardja konkos konsenjat f'sit ta' kostruzzjoni fil-Fgura, fejn il-konkos fornut mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut kien ferm anqas minn dak indikat minnu. Qal ukoll li l-konvenut darba uriehom riżultat ta' analiżi ta' konkos, pero' baqa' ma identifikax il-konsenja, u ma setgħux jagħmlu l-verifiki.

Sema' wkoll ix-xiehda ta' **Joseph Saliba**[3], direttur tas-soċjeta' attriċi, li qal li jieħu ħsieb ix-xogħol fuq il-lant, u s-sorveljanza tal-ħaddiema tas-soċjeta' attriċi.

Joseph Saliba xehed li għall-ħabta ta' Diċembru 2014, kien ċempel lill-konvenut u talbu l-ħlas tal-bilanċ, u l-konvenut wiegħdu li kien ser iħallsu fil-bidu tas-sena 2015. Wara dan, il-konvenut kien mar personalment għand is-soċjeta' attriċi, u ressaq ilment, għall-ewwel darba, dwar kwalita' ħażina tal-konkos konsenjat fuq sit ta' kostruzzjoni fil-Fgura. Ix-xhud qal li talbu d-*delivery note*, pero' l-konvenut qatt ma provdieha. Ix-xhud ippreżenta elenku bil-kitba tiegħu tal-konkos li s-soċjeta' attriċi kkonsenjat lill-konvenut[4], bil-kwalita' mitluba, u d-data u l-post tal-konsenja. Għalkemm l-ilment kien biss dwar konsenja fil-Fgura, il-konvenut ma ħallas tal-ebda konsenja.

---
[3] 10.1.2017, fol. 30-31
[4] Dok. 'JS1', fol. 55

In kontro-eżami, Joseph Saliba spjega l-prattika tas-soċjeta' attriċi dwar verifiki fuq il-kwalita' tal-konkos mibjugħ u konsenjat minnha. Qal li għandhom uffiċjal li jagħmel testijiet għall-għarrieda fuq il-materjal provdut mis-soċjeta' attriċi. L-analiżi ssir f'kull konsenja kbira, pero' mhux fil-konsenji ż-żgħar kollha. Qal li fejn ix-xufier jitlob li jiżdied l-ilma fil-konkos, is-soċjeta' attriċi tniżżel nota fuq l-avviż tal-konsenja, u fejn min jixtri l-konkos jitlob li ssir l-analiżi, is-soċjeta' attriċi twettaqha. Qal li l-konvenut ma talabx li ssir l-analiżi. Ix-xhud qal ukoll li jaf li l-konvenut xtara konkos mingħand ħaddieħor, u li mingħand is-soċjeta' attriċi qatt ma xtara l-kwantita' ta' konkos li dwarha ressqilha l-ilment. Żied jgħid li, wara l-konsenja fil-Fgura, il-konvenut reġa' xtara l-konkos mingħand is-soċjeta' attriċi.

Wara li għamel il-verifiki, Joseph Saliba ddikjara li s-soċjeta' attriċi m'għamlitx verifiki fuq il-konkos konsenjat lill-konvenut, u li l-konvenut qatt ma talab li jsiru l-verifiki.

Sema' x-xiehda tal-konvenut **Saviour Busuttil**[5], li ddikjara li jippretendi li m'għandux iħallas tal-materjal ħażin konsenjat fis-sit ta' kostruzzjoni fil-Fgura. Skond il-konvenut, il-materjal konsenjat fil-Fgura ma jiffigurax fil-lista tal-konkos konsenjat lill-konvenut, li elenka r-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi f'din il-kawża[6].

Il-konvenut ma qabilx mal-kwantitajiet tal-konkos li s-soċjeta' attriċi indikat li kkonsenjat lill-konvenut. Qal li fil-Fgura kkonsenjatlu aktar milli indikat.

Il-konvenut ippuntwalizża li l-oġġezzjoni tiegħu dwar il-kwalita' ħażina tal-konkos konsenjat tirrigwardja konkos għal kontrabejt li s-soċjeta' attriċi kkonsenjatlu fil-Fgura. Iddikjara ċar li fuq il-konsenji l-oħra ma għandux oġġezzjonijiet. Mitlub jipproduċi d-*delivery notes* tal-konsenja allegatament difettuża, il-konvenut iddikjara li din id-dokumentazzjoni mhix fil-pussess tiegħu, u baqgħet ma ġietx preżentata minnu fl-atti proċesswali.

[5] 14.3.2017, fol. 61-62
[6] Fol. 55

Il-konvenut xehed li ma għamilx proċeduri kontra s-soċjeta' attriċi dwar dan il-konkos allegatament difettuż, għaliex għattieh bil-*membrane*, u s-sid tal-post għamel suffett, u għadu ma qalgħux.

Sema' wkoll ix-xiehda tal-aħwa **Joseph Zammit** u **Grezzju Zammit**, prodotti mill-konvenut[7]. L-aħwa Zammit iddikjaraw li jaħdmu għall-konvenut.

Ix-xhud **Joseph Zammit** qal li għandu trakk, u *high up*, u li lill-konvenut kien ħadlu tletin jarda torba fuq lant tax-xogħol fejn kien qed jaħdem fil-Fgura fis-27 ta' Awissu 2014. Fl-istess lok, qal li tellgħalu l-konkos fornut mis-soċjeta' attriċi, f'żewġ okkażjonijiet. Dan ix-xogħol kien relatat ma' kontrabejt li kien qed jagħmel il-konvenut fis-sit. Skond ix-xhud, fuq dan il-lant ra biss lis-soċjeta' attriċi tikkonsenja l-konkos. Sa fejn jaf hu, dakinhar ma nqalgħux problemi dwar il-konkos, pero' mill-bqija qal li ma jaf xejn aktar fir-rigward.

**Grezzju Zammit** qal li kien ma' ħuh fuq is-sit fil-Fgura, u li assista lill-konvenut biex witta l-konkos provdut mis-soċjeta' attriċi.

Ra li l-partijiet irrimettew ruħhom għall-provi fl-atti proċesswali.

Ikkunsidra li:

Din hija kawża li s-soċjeta' attriċi intavolat kontra l-konvenut għall-ħlas tal-bilanċ ta' prezz ta' materjal ta' kostruzzjoni fornut minnha, u konsenjat lill-konvenut, fuq struzzjoni tiegħu, fuq perjodu ta' ħames xhur, bejn Ġunju 2014 u Ottubru 2014. Dan il-materjal kien jikkonsisti f'ramel, siment, żrar u konkos maħdum.

Is-soċjeta' attriċi produċiet ħames fatturi, kollha maħruġin fl-aħħar tax-xahar, u *Statement of Account*, li juri li l-konvenut kien fadallu jħallas bilanċ fuq l-ewwel erba'

[7] 2.5.2017, fol. 71-75

fatturi, u l-prezz sħiħ mitlub bil-ħames fatturi, b'kollox ammontanti għas-somma mitluba b'din il-kawża.

Minkejja l-eċċezzjonijiet li ressaq, fix-xiehda tiegħu, il-konvenut iddikjara ċar li l-oġġezzjoni tiegħu tirrigwardja konkos ta' kontrabejt ħażin li s-soċjeta' attriċi kkonsenjatlu fil-Fgura, u li dwar il-konkos l-ieħor provdut lilu ma għandu ebda oġġezzjoni.

Dwar il-konkos allegatament ħażin konsenjat fil-Fgura, irriżulta li (i) waqt il-konsenja, il-konvenut ma talabx li jsiru l-verifiki dwar il-kwalita' tal-konkos, u lanqas produċa prova tal-analiżi appożita; (ii) mill-atti proċesswali, ma tirriżultax prova dwar l-allegata kwalita' inferjuri ta' dan il-konkos; (iii) il-konvenut innifsu ddikjara li l-kontrabejt allegatament difettuż għadu ma nqalax, għalkemm qal li saritlu *membrane;* (iv) il-konvenut ressaq dan l-ilment għall-ewwel darba meta s-soċjeta' attriċi talbitu jħallas, u sallum baqa' ma għamel xejn fir-rigward; (v) ma ġietx identifikata l-konsenja, minkejja li s-soċjeta' attriċi talbet lill-konvenut jagħmel dan mindu ressqilha l-ilment; (vi) ix-xiehda prodotti mill-konvenut indikaw data tal-konsenja li ma taqbilx ma' dawk li s-soċjeta' attriċi identifikat mid-*delivery notes* eżibiti minnha.

Wara li qies dawn ir-riżultanzi fattwali kollha, it-Tribunal huwa tal-fehma li, aktar iva milli le, jekk il-konvenut verament irċieva konkos ta' kwalita' inferjuri, dan kien mixtri u konsenjat lilu mingħand fornitur ieħor, mhux mis-soċjeta' attriċi.

Mill-bqija, il-konvenut ma ġab ebda prova dwar xi raġuni oħra għalxhiex ma għandux iħallas tal-materjal konsenjat lilu mis-soċjeta' attriċi, u li dwaru ddikjara li ma għandux oġġezzjonijiet. B'mod partikolari, huwa ma ġab ebda prova li s-soċjeta' attriċi qed titlob xi ħlasijiet eċċessivi, kif eċċepixxa fir-Risposta tiegħu.

Minn dan kollu, it-Tribunal jikkonkludi li, fuq bażi ta' probabilita', l-oġġezzjonijiet imqajjma mill-konvenut kontra t-talbiet tas-soċjeta' attriċi għall-ħlas, kienu biss skużi biex jibqa' ma jħallasx.

Kwantu għat-talba tas-soċjeta' attriċi biex dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallas l-imgaxijiet kummerċjali mid-dati tal-konsenja, filwaqt li huwa minnu li fl-isfera tal-kummerċ, l-imgħaxijiet jgħaddu *ipso facto* mid-data meta l-ħlas isir dovut[8], is-soċjeta' attriċi ma spjegatx meta sar dovut il-bilanċ ta' €1,913.15ċ, li jidher indikat bħala dovut sat-30 ta' Settembru 2014 fl-*iStatement* datat 31 ta' Ottubru 2014[9], u għalhekk din it-talba tista' tintlaqa' biss b'effett mill-31 ta' Ottubru 2014, data tal-istess *Statement*.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, u filwaqt li jilqa' limitatament it-talba tas-soċjeta' attriċi, jikkundanna lill-istess konvenut iħallasha s-somma mitluba ta' elfejn, ħames mija, tmienja u sebgħin Ewro, disgħa u disgħin ċenteżmu (€2,578.99ċ), bl-imgħax kummerċjali b'effett mill-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru elfejn u erbatax (2014) sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.D.**
**Ġudikatur**

---

[8] **Art. 1141(1)**, Kodiċi Ċivili
[9] Dok. 'AS6', fol. 37